

SE TIVVJAĠĠA FL-EWROPA?

Evita sorpriżi li jiswew ħafna flus, li għandhom x'jaqsmu mal-kura tiegħek billi tapplika **BLA ĦLAS** għal Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea.

- Hija bla ħlas.
- Faċli biex tapplika għaliha.
- U, fuq kollox, tista' tiffrankalek ħafna flus.
- Aktar minn 180 miljun ruħ diġà għandhom Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea. Għaliex ma għandux ikollok waħda inti?



IL-KARTA TAL-
ASSIGURAZZJONI TAS-SAĤĤA
TAL-UNJONI EWROPEA

Għal aktar informazzjoni:

<http://ehic.europa.eu>

Informazzjoni disponibbli fil-lingwi
uffiċjali kollha



Ewropa Soċjali

KEMM INT IFFORTUNAT/A
LI KELLEK IL-KARTA TAL-
ASSIGURAZZJONI TAS-SAĤĤA
TAL-UNJONI EWROPEA!



IL-KARTA TAL-
ASSIGURAZZJONI TAS-SAĤĤA
TAL-UNJONI EWROPEA



Il-Kummissjoni Ewropea

IL-PASSAPORT B'XEJN TIEGĦEK GĦALL-KURA TAS-SAĦĦA F'31 PAJJIŻ EWROPEW

Kemm jekk qed tivjaġġa fuq xogħol, fuq btala jew biex tistudja barra minn pajjiżek, qatt ma taf meta jista' jkollok bżonn kura medika. Bil-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (EHIC) m' għandekx għalfejn tinkwieta.

- Il-karta tagħmel iż-żjarat fi spatarijiet statali, klinika ta' tabib jew dentist f'31 pajjiż Ewropew aktar faċli u dan ifisser li inti tiġi ttrattat/a bl-istess mod kif jiġi ttrattat xi ħadd li jgħix f'dak il-pajjiż.
- Aħjar minn hekk, inti tħallas l-istess prezz għall-kura tiegħek daqs kemm iħallsu ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż – li, f'ċerti pajjiżi, jfisser li jista' jkun li inti ma jkollok għalfejn tħallas xejn.

Ma setgħetx tkun eħfef jew bi prezz aħjar.



MIN JISTA' JIBBENEFIKA MILL-KARTA?

Kull min huwa assigurat jew huwa kopert b'sistema tas-sigurtà soċjali statali ta' wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE jew tal-Iżlanda, Lichtenstein, in-Norveġja jew l-Iżvizzera.

IS-SIEĦEB/SIEĦBA U T-TFAL TIEGĦI GĦANDHOM BŻONN TA' KARTI SEPARATI?

Iva. Kull membru tal-familja tiegħek għandu bżonn ta' karta separata.

X'TIP TA' KURA MEDIKA TKOPRI L-KARTA?

Tkopri kura tas-saħħa pprovduta mill-Istat li inti jista' jkollok bżonn matul il-vjaġġ tiegħek, inkluż kura materna għal nisa tqal u l-ġestjoni tas-sintomi ta' kundizzjonijiet pre-eżistenti jew kroniċi.

X'MA TKOPRIX?

Il-karta ma tkoprix kura tas-saħħa privata jew spejjeż ta' ripatrijazzjoni, per eżempju jekk ikollok bżonn tmur lura d-dar b'ambulanza ajruplan. Inti ma tistax tuża l-karta wkoll jekk tkun sejjer/sejra barra minn pajjiżek speċifikament biex tirċievi kura medika.

Żur il-website tal-EHIC biex issir taf aktar:

<http://ehic.europa.eu>



HIJA ALTERNATTIVA GĦAL ASSIGURAZZJONI PRIVATA TAL-IVJAĠĠAR?

Żgur li le. Hija kumplimentari għaliha, iżda mhux sostituta. Eżempju, mhijiex se tkopri l-ispiża ta' oġġett mitluf jew misruq.

F'LIEMA PAJJIŻI NISTA' NUŻA L-EHIC?

L-EHIC tista' tintuża f'31 pajjiż fl-Ewropa, inkluż: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Ġreċja, l-Ungerija, l-Iżlanda, l-Irlanda, l-Italja, il-Lichtenstein, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, l-Iżvizzera u r-Renju Unit.

KIF NISTA' NIKSEB KARTA?

Tista' tikseb karta bla ħlas billi tikkuntattja lill-istituzzjoni tal-assigurazzjoni tas-saħħa lokali tiegħek minħabba li kull pajjiż individwali huwa responsabbli għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-karta fit-territorju tiegħu stess.

